# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta**

**Tlieta u għoxrin (23) ta’ Mejju 2023**

**Rikors Numru 224/2023 FDP**

Fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni
Nru 1179/2005
Fl-ismijiet

**Joseph u Mary sive Marlene konjuġi Abela**

**Vs**

**Santino Gauci ghan-nom u in rappreżentanza ta’ Zejtun Development Ltd**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors ta’ Santino Gauci għan-nom u in rappreżentanza ta’ Zejtun Developments Limited datat 3 ta’ Marzu 2023 fejn talbu għar-revoka tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Nru 1179/2005.

2. Rat illi l-bażi tat-talba tagħhom kien id-digriet tal-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta’ Diċembru 2021 fil-kawża Rikors Maħluf Nru 744/2005 fl-ismijiet ‘***Joseph u Mary sive Marcelle konjuġi Abela vs Santino Gauci għan-nom u in rappreżentanza ta’ Zejtun Developments Limited u, b’digriet tal-11 ta’ Ottubru 2006 issejħu fi-kawża Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino, Mace Developments Limited, A&M Developments Limited u l-Perit Joseph u martu Nathalie miżżewġin Bondin***” fejn il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 964 (1) tal-Kap 12, ddikjarat illi l-kawża kienet marret deżerta.

3. Rat illi din il-Qorti, kif komposta, ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontro parti, liema notifika ma setgħetx issir stante illi Joseph Abela illum huwa mejjet.

4. Rat id-digriet tal-Qorti, fuq ċitata, fejn qalet is-segwenti:

   1. *Rat l-att taċ-ċitazzjoni tal-atturi miżżewġin Abela ppreżentat fis-17 ta' Awwissu, 2005, li permezz tiegħu huma talbu lil din il-Qorti sabiex tikkonferma b'mod perpetwu digriet ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1179/05 u biex tipprovdi għall-ħlas ta' danni bħala riżultat ta' dak miżmum bil-mandat (ara paġni 1 sa 5 tal-atti);*

   2. *Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ta' Santino Gauci nomine mressqa fis-16 ta' Settembru, 2005 (ara paġni 50 sa 53 tal-atti);*

   3. *Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Ottubru, 2006, li permezz tiegħu ġew imsejħa fil-kawża Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino, Mace Developments Limited, A & M Developments Limited u l-Perit Arkitett Joseph u martu Nathalie miżżewġin Bondin (ara paġna 148A tal-atti);*

   4. *Rat in-noti tal-eċċezzjonijiet ta' Mace Developments Limited u ta' Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino tas-17 ta' Novembru, 2006 (ara paġni 469 sa 484 tal atti);*

   5. *Rat li l-attur Joseph Abela miet fit-13 ta' Mejju, 2014 skont iċ-ċertifikat tal-mewt li jinsab f'paġna 1217 tal-atti;*

   6. *Rat li l-imsejjaħ fil-kawża Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino miet fl-24 ta' Ottubru, 2015 skont iċ-ċertifikat tal-mewt li jinsab f'paġna 1247 tal-atti;*

   7. *Rat li l-kawża tħalliet sine die skont verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar, 2020 (ara paġna 1266 tal-atti);*

   8. *Rat li b'digriet tal-25 ta' Mejju, 2020, il-kawża reġgħet ġiet appuntata mill-ġdid għad-9 ta' Settembru, 2020;*

   9. *Rat il-verbal tal-4 ta' Ġunju, 2021 (ara paġni 1290 u 1291 tal-atti) fejn il-Qorti ġibdet l-attenzjoni li kien hemm bżonn li l-partijiet jindirizzaw it-trasfużjoni tal-ġudizzju tal-mejtin Joseph Abela (l-attur) u Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino (l-imsejjaħ fil-kawża);*

   10. *Rat il-verbal tas-16 ta' Settembru, 2021 (ara paġni 1292 sa 1293 tal-atti), li permezz tiegħu din il-Qorti ħalliet il-kawża sine die peress li l-atturi baqgħu ma ħadux ħsieb li jilleġittimaw l-atti skont il-liġi;*

   11. *Tqis li skont l-atti tal-proċess, l-aħħar xhud li nstema' f'din il-kawża kien Oliver Magro fis-seduta tal-20 ta' Jannar, 2014 (ara paġni 1204 sa 1207 tal-atti);*

   12. *Tqis ukoll li minn dik id-data sal-lum, madwar tmien snin wara, tista' tgħid ma sar xejn fil-kawża. Li seħħ ta' rilevanza kien biss: il-mewt tal-attur Joseph Abela u tal imsejjaħ fil-kawża Cornelius sive Maurice Scifo Diamantino u ż-żewġ digrieti tal Qorti li permezz tagħhom il-kawża tpoġġiet sine die;*

*13. Tqis ukoll li fl-atti tal-kawża tressqu żewġ rikorsi kunfliġġenti dwar kif l-atti ta' Joseph Abela għandhom jiġu trasfużi;*

*14. Tqis illi dan kollu jixhed nuqqas ta' ħeġġa u galbu biex din il-kawża titkompla 'l quddiem;*

*15. Tqis li skont l-artikolu 964(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, kawża differita sine die jew xort'oħra sospiża għandha titqies bħala deżerta sakemm ma tiġix appuntata mill-ġdid mill-Qorti fiż-żmien perentorju ta' tliet xhur minn meta tkun hekk ġiet differita jew sospiża;*

*16. Tqis li din il-Qorti ma appuntatx il-kawża f'dawn it-tliet xhur mis-16 ta' Settembru, 2021;*

*Għaldaqstant ladarba għaddew it-tliet xhur imsemmija fl-artikolu 964(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qiegħda tiddikjara din il-kawża bħala li marret deżerta u b'hekk tordna t-tħassir tagħha minn fuq il-lista tagħha.*

5. Rat l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nri 1179/2005.

6. Rat l-Artikolu 843 tal-Kap 12, li jipprovdi dan li ġej:

   *843.(1) Ir-rikorrent għandu jagħmel il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat:*

   *Iżda fejn il-ħruġ ta' mandat jintalab minn xi parti minn koppja kontra l-parti l-oħra u l-parti li toħroġ il-mandat tkun bdiet il-proċeduri quddiem il-Qorti, il-perjodu hawn fuq imsemmi jibda'jgħodd mill-ġurnata li fiha tiġi awtorizzata tipproċedi mill-Qorti **imma l-mandat jieqaf milli jkollu effett immedjatament jekk il-proċeduri jiġu rtirati jew abbandunati**. (Sottolinjar ta' dina l-Qorti)*

   *(2) Jekk ir-rikorrent jonqos milli jagħmel il-kawża mingħajr raġuni tajba, l-effetti tal-mandat jieqfu u huwa jkun responsabbli għad-danni u l-imgħaxijiet kollha.*

7. Jidher ċar illi, fil-każ odjern, il-jedd indikat fil-Mandat ta' Inibizzjoni nru 1179/2005, ġie segwit bil-kawża 744/2005 CFS, fuq ċitata.

8. Jidher ċar illi l-proċeduri 744/2005 CFS ġew abbandunati mill-intimati Abela, fejn il-Qorti fuq ċitata indikat illi kienu ilhom abbandunati sa mis-sena 2014, u kien għalhekk illi hija ddikjarat tali proċeduri bħala deżerti u ħassrithom minn fuq il-lista.

9. Jidher għalhekk illi, ladarba l-proċeduri fuq imsemmija ġew abbandunati mill-inimati Abela u l-kawża ġiet ikkanċellata minn fuq il-listi tal-kawżi, fis-17 ta' Diċembru 2021 u, sa llum il-ġurnata, ma sar xejn da' parte ta' l-intimai u/jew l-eredi taghhom, dak ifisser illi l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni għandhom jiqiesu bħala li huma bla effett.

**Għaldaqstant**, il-Qorti tilqa’ t-talba tar-rikorrent Santino Gauci għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Zejtun Developments Limited, u qiegħda tirrevoka l-Mandat ta’ Inibizzjoni Nru 1179/2005 u qiegħda tawtorizza l-ħruġ tal-Kontro Mandat opportun.

Spejjeż ikunu kariku ta’ l-intimati Joseph u Mary Abela.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**